# It-Taqbida tal-Ħajja

*(Minn "Les Misérables" ta' Victor Hugo)*

*Traduzzjoni ta'* NIKOL BIANCARDI

*Min jaqra l-kbir rumanz "Les Misérables" ta' Victor Hugo, tista' tgħid fil-bidu, jiltaqa' ma' kapitlu li bil-kemm isib li għandu x'jaqsam mal-ġrajja: tixbiha ta' raġel qiegħed jegħreq mat-taqbida tal-ħajja.*

RAĠEL waqa' l-baħar!

X'jimporta? Il-vapur ma jiqafx. Ir-riħ qiegħed jonfoħ; dak il-vapur sewdieni jeħtieġ jibqa' sejjer sakemm jasal fejn għandu jasal. Huwa jibqa' għaddej.

Ir-raġel igħib, jerġa' jfeġġ; huwa jogħdos bla ma jrid u jerġa' jitla' fil-wiċċ, huwa jgħajjat, ixejjer idejh; ħadd ma jisimgħu; il-vapur, jitħabat mal-burraxka, rass kull ħabel; l-ekwipaġġ u l-passiġġieri ma humiex jaraw aktar lir-raġel li qed jegħreq; ir-ras imsejkna tiegħu ma hix għajr tikka fil-kobor ta' dawk il-mewġiet.

Ir-raġel igħajjat għajat faħxi f'dak il-baħar kollu. X'waħx huwa għalih dak il-bastiment li qiegħed igħib. Huwa jħares lejh; bħal wieħed miġnun! Il-vapur jibqa' sejjer; kull ma jmur jiċkien sakien igħib għal kolliox. Sa ftit ilu dak ir-raġel kien qiegħed fuqu; huwa kien wieħed min-nies ta' l-ekwipaġġ; huwa ma' l-oħrajn, kien qiegħed jiġġerra fuq il-kverta; kien qiegħed igawdi l-arja u x-xemx; kien raġel mimli ħajja. Issa, x'sar minnu? Huwa żelaq u baqa' sejjer il-baħar. Issa qiegħed jintemm.

Huwa jinsab fuq qiegħ tal-biża'. Taħt riġlejh ma għandu xejn għajr ilma li jiżloq. Il-mewġiet imħarbtin u mgerfxin bir-riħ, qegħdin iduru għalih b'mod li jwaħħax; il-ħalel qegħdin jobormuh magħhom; bexxiet ta' ilma qegħdin igħaddu minn fuq rasu; kotra ta' mewġ qiegħed jobżoqlu f'wiċċu; fetħiet imħabbla ta' baħar qegħdin jibilgħuh sa nofsu: meta jinżel huwa jilmaħ dagħbien kollu mdallam; huwa jħoss li ma jiflaħx jitqabad aktar; ġismu tħallat mar-ragħwa; il-mewġiet ibandluh minn waħda għal oħra; huwa jħoss il-morr tal-ħajja; ir-regħba ta' l-oċejan li jrid jibilgħu; li jrid jinkih fl-agunija tiegħu. Dan kollu donnu ma hux għajr mibegħda baħrija.

Iżda huwa għadu jitqabad.

Huwa għadu jipprova jiddefendi lilu nnifsu; huwa għadu jrid jara kif igħum. Huwa — dik l-imsejkna saħħa li tmur hekk malajr — huwa qiegħed jitqabad ma' min ma jistax jintrebaħ.

* * *

Fejn jinsab il-vapur? Wisq il-bogħod. Bilkemm jidher fis-sfura mnikkta tax-xefaq.

Ir-riħ għadu qiegħed jitfa' l-buffuri tiegħu: Il-ħalel tal-baħar qegħdin igħattuh. Huwa jerfa' għajnejh 'il fuq, iżda ma jarax għajr il-kwiekeb ċassi. Huwa jisma' ħsejjes li huma għariba għal bniedem, ħsejjes li donnhom m'humiex ta' din id-dinja, iżda ta' xi saltna tal-biża'.

Fis-smewwiet hemm l-agħsafar, bħalma hemm l-anġli li huma ogħla min-niket tal-bniedem, iżda l-agħsafar x'jistgħu jagħmlu għalih? Huma jittajru, igħannu u jinżlu f'wiċċ l-ilma, fil-waqt li huwa qiegħed jaqta' nifsu.

Huwa jħoss li jinsab midfun bejn dawk iż-żewġ infiniti—l-oċejan u s-sema; wieħed huwa qabar, l-ieħor tebut.

* * *

Qiegħed jidlam. Ir-raġel ilu jgħum sigħat sħaħ; saħħtu hija tista' tgħid, mifluġa. Dak il-bastiment, dik il-ħaġa mbiegħda, fejn kien hemm in-nies, ma tidherx aktar. Huwa jinsab waħdu f'dak il-beraħ kollu; huwa qiegħed jegħreq; qiegħed jitqabad, jaħli l-ftit saħħa li baqagħlu; taħt riġlejh qiegħed iħoss dak il-waħx li ma jidhirx.

Il-għajat tiegħu ma jiswa għalxejn.

Fix-xefaq ma jidher xejn. Xejn fis-sema.

Huwa jitlob lill-oqbra koħla, lill-mewġ, lill-blat. Huwa jitlob il-ħniena tal-burraxka, iżda l-burraxka tobdi biss lill-infinit.

Ma' dwaru hemm dlam, maltemp, dlieqa, ħsejjes li jbeżżgħu, it-tlugħ u nżul tal-mewġ li ma jiqafx. Ġo fih biża' u filġa. Taħtu d-dagħbien li se jibilgħu. L-ebda mkien ta' mistrieħ. Il-kesħa qawwija qed tiċċongah. Jixtieq iqabbad ma' xi ħaġa mitluf minn sensih, iżda idejh ma jsibu xejn fil-ħafna tagħhom. Tvenvin ta' riħ, kwiekeb, mewġ—xejn ma hu ta' għajnuna għalih. X'sejjer jagħmel? L-imsejken jaqa' fid-dispramenl; mitluf bil-għaja, huwa jfittex il-mewt; ma jiflaħx iżjed; sa jkollu jagħti ruħu b'mirbuħ; sa jkollu jitlaq it-taqbida. Huwa jinsab nieżel fil-qiegħ waħxi għal kollox.